The Commissioner of Police hereby notifies that with reference to Police Notice No. 85 published in the Government Gazette dated 4th July, 2014, all streets mentioned in the same Notice are to be closed for traffic from 8.00 a.m. onwards, an not as previously advertised.

Ħal Qormi

The Commissioner of Police also notifies that Triq l-Iljun will be closed to traffic from 8.00 a.m. onwards up to Sunday, 20th July, 2014.

The Marsa Park and Ride will be closed for traffic only on Saturday 19th and Sunday, 20th July 2014, between 5.00 p.m. and midnight.

18th July, 2014

POLICE NOTICE

No. 96

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated,

Mqabba

On Friday, 8th August, 2014 between 6.00 p.m. and 11.00 p.m. through Misraħ il-Parroċċa, Triq Santa Katarina and Misraħ il-Ġublew tad-Djamanti.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

18th July, 2014

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 39 tal-2014

Ħruq ta' Murtali minn max-Xatt fil-Ġonna Ġużè Ellul Mercer, Il-Marina tal-Imsida

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jkun hemm il-logħob tan-nar u *Chinese crackers* minn max-xatt tal-Ġonna Ġużè Ellul Mercer, Il-Marina tal-Imsida, L-Imsida (kif muri fuq iċ-*chart* ta' fuq il-*website* ta' Transport Malta: http://www.transport.gov.mt) fid-dati msemmija.

1. Is-Sibt, 19 ta' Lulju, 2014 bejn il-11.00 p.m. u s-1.00 a.m. tal-jum ta' wara

2. Il-Ħadd, l-20 ta' Lulju, 2014 bejn is-7.00 p.m. u l-11.00 p.m.

Kaptani u sidien ta' bastimenti li huma rmiġġati f'raġġ ta' 20 metru minn max-xatt (muri b'linja ħamra) għandhom ineħħu l-bastimenti tagħhom matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Il-baħħara għandhom jobdu d-direttivi li jingħataw mill-Valletta Port Control (VTS) u mill-Pulizija fl-inħawi.

Chart affettwata: BA 177

It-18 ta' Lulju, 2014

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 39 of 2014

Fireworks Display from the foreshore of Guze Ellul Gardens, Msida Marina, Msida.

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that ground fireworks and Chinese crackers will be let off from the foreshore of Guze Ellul Gardens, Msida Marina, Msida (as shown on chart shown on Transport Malta's website: http://www.transport.gov.mt) on the following dates.

1. Saturday, 19th July, 2014 between 11.00 p.m. and 1.00 a.m. of the following day

2. Sunday, 20th July, 2014 between 7.00 p.m. and 11.00 p.m.

Masters and owners of vessels that are berthed within 20 metres from the foreshore (indicated by a red line) are to remove their vessels during the above mentioned dates and time.

Mariners are to comply with instructions issued by Valletta Port Control (VTS) and police in the area.

Chart affected: BA 177

18th July, 2014

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 40 tal-2014

Żieda mal-Avviż lill-Baħħara Nru. 37 tal-2014 rigward - Ħruq ta' Murtali minn fuq Barkun irmiġġat fil-Qala tal-Għażżenin, Il-Bajja ta' San Pawl il-Baħar

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li b'żieda mal-Avviż lill-Baħħara Nru. 37 rigward il-ħruq ta' murtali msemmi hawn fuq, il-baħħara għandhom jaraw li l-barkun u l-pontuni fil-pożizzjoni kif murija fuq iċ-*chart* tal-*website* ta' Transport Malta: (http://www.transport.gov.mt) jistgħu jiġu rmiġġati nhar il-Ħamis, l-24 ta' Lulju, 2014.

Il-bastimenti u għawwiema kollha għādhom iżommu bogħod mill-barkun u l-pontuni u jżommu distanza ta' 200 metru meta jkunu jinħarqu l-murtali.

Il-bastimenti f'raġġ ta' 200 metru mil-barkun u l-pontuni għandhom jitneħħew u jinżammu bogħod waqt dan l-avveniment.

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 40 of 2014

Further to Notice to Mariners No. 37 of 2014 regarding - Fireworks Display from a Barge Moored at "Il-Qala tal-Għażżenin, Il-Bajja ta' San Pawl il-Baħar"

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that further to Notice to Mariners No. 37 regarding the above mentioned fireworks displays, mariners are to note that the barge and pontoons in the position as shown on the chart shown on Transport Malta's website (http://www.transport.gov.mt) may be moored on Thursday, 24th July, 2014.

All vessels and bathers are warned to keep well clear of the barge and pontoons and maintain a safe distance of 200m during displays.

Vessels moored within 200 metres from the barge and pontoons are to be removed and kept clear during the events.

Charts affettwati BA 211B, 211A, 2537, 2538.

It-18 ta' Lulju, 2014

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 41 tal-2014

Ġbid ta' Film "Il-Bajja ta' Mġarr ix-Xini," Għawdex

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-*Yachting*, Transport Malta jgħarraf lill-baħħara, sidien ta' bastmenti u għawwiema, li se jsir iffilmjar fil-Bajja ta' Mġarr ix-Xini, Għawdex, bejn it-18 ta' Awwissu u l-31 ta' Ottubru 2014, iż-żewġ dati inklużi.

Minħabba dan ta' hawn fuq baħħara, sidien ta' bastimenti u għawwiema m'għandhomx jidħlu fil-bajja msemmija hawn fuq mingħajr permess minn qabel mid-Direttorat tal-Portijiet u l-*Yachting* jew skont id-direttivi tal-organizzaturi ta' min qed jiġbed il-*film*.

Il-baħħara għandhom jobdu l-ordnijiet li jingħataw mill-VTS (Valletta Port Control) u mill-Pulizija.

Charts affettwati: BA 211A, 194 u 2537.

It-18 ta' Lulju, 2014

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 42 tal-2014

Surveys Marittimi fuq il-Lvant tal-Qawra

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-*Yachting*, Transport Malta jgħarraf lill-baħħara li b'seħħ immedjat, qed issir *survey* marittima 'l hinn mill-blat tal-Għallis fid-direzzjoni tal-Grigal li tibda minn 1.5 mil nawtiku sa 5.1 mil nawtiku 'l hinn mix-xatt tal-Għallis. Is-*survey* se ssir mill-bastiment MV Wilfred li jkun qed jirmonka *Remote Automated Vehicle* (ROV) b'tul ta' 300 metru fuq wara tal-bastiment tas-*survey vessel*. Is-*survey* huwa stmat li jibqa' għaddej sal-ewwel ġimgħa ta' Awwissu 2014 (jekk it-temp jippermetti).

MV Wilfred se jkollu manuvrar ristrett waqt li jopera. Il-baħħara għandhom jaraw għal dan imsemmi hawn fuq u jżommu tal-anqas 300 metru bogħod minnu meta jbaħħru fl-inħawi msemmija hawn fuq fid-dati msemmija. Il-baħħara għnadhom jobdu l-ordnijiet li jingħataw mill-Valletta Port Control (Valletta VTS).

Charts affettwati: BA 194, 2537, 2538

It-18 ta' Lulju, 2014

Charts affected BA 211B, 211A, 2537, 2538.

18th July, 2014

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 41 of 2014

Filming at "Il-Bajja ta' Mġarr ix-Xini," Gozo

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies all mariners, owners of vessels and bathers, that filming activities will take place at "il-Bajja ta' Mġarr ix-Xini," Gozo between 18th August 2014 and 31st October 2014 both days included.

In view of the above mariners, owners of vessels and bathers are instructed not to enter the above bay without prior permission from the Ports and Yachting Directorate or under instructions of the filming organisers.

Mariners are to comply with instructions issued by VTS (Valletta Port Control) and police.

Charts affected: BA 211A, 194 and 2537.

18th July, 2014

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 42 of 2014

Marine Surveys East of Qawra

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies Mariners that with immediate effect a marine survey will be carried off Għallis Rocks in the north east direction commencing from 1.5NM up to 5.1NM off the Għallis coast. The survey will be carried out by MV Wilfred towing a Remote Automated Vehicle (ROV) with a length of up to 300 metres astern of the survey vessel. The survey is estimated to last till the first week of August 2014 (weather permitting).

MV Wilfred will be restricted in her ability to manoeuvre during operations. Mariners are to note the above and give the vessel a wide berth of at least 300m when navigating in the above area on the above dates. Any instructions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS) are to be adhered to.

Charts affected: BA 194, 2537, 2538

18th July, 2014

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U T-TIBDIL FIL-KLIMA

Pożizzjoni ta' *EU Project Officer* fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima

(Approvazzjoni skont il-*capacity building* datata l-1 ta' Lulju, 2014)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, f'isem is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *EU Project Officer* fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima. Din il-pożizzjoni tista' tiġi kkunsidrata għal finanzjament parzjali mill-Unjoni Ewropea.

Tul tal-*Assignment* u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *EU Project Officer* fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' *EU Project Officer* hija soġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Persuna magħżula trid tkun lesta li ssiefer fuq xogħol kif meħtieġ.

2.4 Persuna magħżula tkun ġeneralment mistennija taħdem ħinijiet normali tal-uffiċċju tas-Servizz Pubbliku, għalkemm l-esiġenzi tal-pożizzjoni jistgħu jeħtieġu aktar ħin jew ħinijiet irregolari.

2.5 Din il-pożizzjoni hija marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont Regolament 7(4) ta' L.S. 452.81.

Salarju marbut mal-pożizzjoni

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *EU Project Officer* huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 9 (ekwivalenti għal EUR 20,938 fl-2014).

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

Position of EU Project Officer in the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change

(Capacity building approval dated 1st July, 2014)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

The Director Corporate Services, on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change invites applications for the position of EU Project Officer in the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change. This position may be considered for part-financing by the European Union.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a thirty-six (36) month assignment as a EU Project Officer in the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, which may be renewed for further periods.

2.2 The position of EU Project Officer is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.3 A selected applicant must be willing to travel abroad as necessary.

2.4 A selected applicant will generally be expected to work normal Public Service office hours, although exigencies of the position may require working additional or irregular hours.

2.5 Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an objective reason in terms of Regulation 7(4) of S.L. 452.81.

Salary pegged to the position

3. The salary attached to the position of EU Project Officer is equivalent to the maximum point of Salary Scale 9 (equivalent to €20,938 in 2014).

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *EU Project Officer* jinkludu li:

i) Tipprovdi appoġġ lil-*line Manager* fil-koordinament, il-monitoraġġ u l-kontroll ta' proġetti ko-finanzjati mill-Fondi tal-UE;

ii). Tassisti fl-abbozzar tad-dokumentazzjoni meħtieġa għall-iskemi tal-għajnuna;

iii) Tattendi għal eżerċizzji ta' kontroll *on-the spot* fuq il-proġett/i, kemm kontrolli li jsiru b'mod fiżiku, kif ukoll dawk li jinvolvu l-iċċekkjar ta' dokumenti;

iv) Tikkollabora kontinwament mal-i*stakeholders* relevanti (li jinkludu dipartimenti tal-gvern, min jipprovdi s-servizzi, sħab fi proġetti u organizzazzjonijiet mhux governattivi) skont struzzjonijiet mogħtija mil-*line Manager* jew is-*supervisor* dirett;

v) Tipproċessa pagamenti tal-UE u tassisti lil-*line Manager* fil-preparamenti ta' estimi finanzjarji, ħlasijiet, *Statements* tan-Nefqa, rappurtaġġ finanzjarju u awditjar;

vi) Tagħmel xogħol ta' *filing* ta' dokumenti marbuta mal-proġett/i tal-UE;

vii) Twettaq verifiki amministrattivi marbuta ma' proġetti/assistenza iffinanzjati mill-UE;

viii) Twettaq rikonċiljazzjoni tax-xogħol u tassisti fil-ġbir ta' data u xogħol ieħor ta' riċerka;

ix) Torganizza u tipparteċipa f'laqgħat u tieħu l-minuti tad-diskussjonijiet;

x) Tagħmel xogħol ta' rappurtaġġ;

xi) Tipparteċipa f'konferenzi u taħriġ f'Malta u barra minn Malta (Persuna magħżula li ssiefer biex tagħmel korsijiet, tintrabat bil-kundizzjonijiet relevanti skont il-*Manual on Staff Development in Public Administration*);

xii) Tagħmel xogħol anċillari ieħor li jista' jingħatalha mid-Direttur jew mir-rappreżentant/i tagħha;

xiii) Twettaq dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz, skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

4.2 Persuna fil-pożizzjoni ta' *EU Project Officer* tista' tiġi assenjata f'xi wieħed mid-Dipartimenti, Diviżjonijiet

Duties

4.1 The duties of EU Project Officer include:

i) Providing support to the line Manager in the co-ordination, monitoring and control of project/s co-financed by EU Funds;

ii) Assisting in the drafting of the necessary documentation relating to aid schemes;

iii) Attending documentary and physical on-the-spot controls of projects;

iv) Liaising with relevant stakeholders (including other governmental departments, service providers, partners, and NGOs) as instructed by the line Manager or the direct supervisor;

v) Processing EU related payments and assisting the line Manager during budgeting, payment execution, Statement of Expenditure, financial reporting and audits;

vi) Filing of EU project/s documentation;

vii) Performing Administrative checks in relation to a number of EU funded projects/assistance;

viii) Performing reconciliations of work and assist in the compilation of data and other research work;

ix) Organising and participating in meetings and taking minutes of discussions;

x) Carrying out reporting functions;

xi) Participating in training and conferences locally and abroad (A selected applicant proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Manual on Staff Development in Public Administration);

xii) Carrying out any other ancillary duties as assigned by the Permanent Secretary or his/her representative/s;

xiii) Carrying out any other duties according to exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

4.2 The EU Project Officer may be assigned to any Department, Division or Directorate in the Ministry for

jew Direttorati fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima. Id-dmirijiet speċifiċi tal-*EU Project Officer* ikunu delineati fil-ftehim skont fejn tiġi assenjata l-persuna nnominata.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(ċ) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

Sustainable Development, the Environment and Climate Change. The specific duties of the EU Project Officer will be outlined in the specific agreement, depending on where the officer is assigned.

Eligibility requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) (a) ikollhom *degree* rikonoxxuta u relevanti f'Livell 6 tal-MQF, jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli u relevanti, u sena (1) esperjenza ta' xogħol relevanti; jew

(b) Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fi Skala ta' Salarju mhux inqas minn Skala 12, u li jkollhom mill-inqas erba' (4) snin esperjenza ta' xogħol relevanti.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa ghall-applikazzjonijiet.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel, u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafu 5.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

5.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni.

(iii) (a) in possession of a relevant recognised Degree at MQF level 6, or a recognised relevant comparable qualification, plus one (1) year relevant work experience; or

(b) Public Officers in the Malta Public Service in a Scale not below Scale 12 with at least four (4) years relevant work experience.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 5.1, have proven relevant work experience.

5.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of supporting documentation

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

7. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

8. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi (Att: Fergħa tar-Riżorsi Umani) fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301 sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Awwissu, 2014. L-applikazzjonijiet jistgħu wkoll jintbagħtu permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

kundizzjonijiet applikabbli oħrajn;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti

jinsabu fis-sit elettroniku tad-Direttorat tar-Resourcing, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=799) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi (Attn: Fergħa tar-Riżorsi Umani) fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-indirizz.tal-*email* tad-Direttorat riċeventi huwa (recruitment.msdec@gov.mt).

It-18 ta' Lulju, 2014

Submission of applications

8. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by the Director Corporate Services (Attn: Human Resources Branch) at the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301 by not later than noon (Central European Time) of Friday, 8th August, 2014. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of this call for applications, as indicated above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions


9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

other applicable conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration Human Resources Office at the address: (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=799 or may be obtained from Corporate Services Directorate (Attn: Human Resources Branch) at the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the e-mail address of the receiving Directorate is (recruitment.msdec@gov.mt).

18th July, 2014



Din il-pożizzjoni tista' tiġi kkunsidrata
għal finanzjament parzjali mill-Unjoni Ewropea

This position may be considered
for part-financing by the European Union



MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Pożizzjoni ta' *Project Administrator for the Life+ Project Benthic Habitat Research for Marine Natura 2000 Site Designation (Baħar)* fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata l-11 ta' Ġunju, 2014)

Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, f'isem is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni *ta' Project Administrator for the Life+ Project Benthic Habitat Research for Marine Natura 2000 Site Designation (Baħar)* fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima. Din is-sejħa hija konnessa mal-implimentazzjoni tal-proġett Life+, *Benthic Habitat Research for Marine Natura 2000 Site Designation (Baħar)*. Il-proġett huwa parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-Programm Life+. Din il-pożizzjoni hija parzjalment iffinanzjata mill-Programm Life+.

Tul tal-*Assignment* u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'*assignment* sal-aħħar ta' Ġunju 2017 bħala *Project Administrator for the Life+ Project Benthic Habitat Research for Marine Natura 2000 Site Designation (Baħar)* fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' *Project Administrator for the Life+ Project Benthic Habitat Research for Marine Natura 2000 Site Designation (Baħar)* hija soġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Din il-pożizzjoni hija marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont Regolament 7(4) ta' L.S. 452.81.

Salarju marbut mal-pożizzjoni

3.1 Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Project Administrator for the Life+ Project Benthic Habitat Research for Marine Natura 2000 Site Designation (Baħar)* huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (ekwivalenti għal EUR 23,997 fl-2014).

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

Position of Project Administrator for the Life+ Project *Benthic Habitat Research for Marine Natura 2000 Site Designation (Baħar)*in the Fisheries and Aquaculture Department in the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change

(Capacity building approval dated 11th June, 2014)

In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender.

The Director Corporate Services on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, invites applications for the position of Project Administrator for the Life+ Project *Benthic Habitat Research for Marine Natura 2000 Site Designation (Baħar)* in the Fisheries and Aquaculture Department in the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change. This call is being issued in relation to the implementation of the Life+ Project, *Benthic Habitat Research for Marine Natura 2000 Site Designation (Baħar)*. This project is part-financed by the European Union under the Life+ Programme. The position is part-financed by the Life+ Programme.

Duration of assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into an assignment until the end of June 2017 as a Project Administrator for the Life+ Project *Benthic Habitat Research for Marine Natura 2000 Site Designation (Baħar)* in the Fisheries and Aquaculture Department, which may be renewed for further periods.

2.2 The position of Project Administrator for the Life+ Project *Benthic Habitat Research for Marine Natura 2000 Site Designation (Baħar)* is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.3 Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an objective reason in terms of Regulation 7(4) of S.L. 452.81 entitled "Contracts of Service for a Fixed Term Regulations".

Salary pegged to the position

3.1 The salary attached to the position of Project Administrator for the Life+ Project *Benthic Habitat Research for Marine Natura 2000 Site Designation (Baħar)* is equivalent to the maximum point of Salary Scale 7 (equivalent to EUR 23,997 in 2014).

3.2 Minħabba n-natura speċjali tad-dmirijiet involuti, persuna magħżula tkun intitolata għall-ħlas ta' *disturbance allowance* sa 15% tas-salarju bażiku għal xogħol magħmul b'mod regolari wara l-ħin tal-uffiċċju. Din l-*allowance* tista' wkoll titla' sa mhux aktar minn 25% f'kazi eċċezzjonali, bl-approvazzjoni minn qabel tas-Segretarju Permanenti, MSDEC.

3.3 Jista' jitħallas ukoll *performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku marbut ma' xogħol sodisfaċenti. Ir-rata attwali tiġi stabbilita skont id-diskrezzjoni tal-Segretarju Permaneni, MSDEC.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Project Administrator for the Life+ Project Benthic Habitat Research for Marine Natura 2000 Site Designation (Baħar)* jinkludu li:

i. Taħt id-direzzjoni tas-*Senior Fisheries Resource Manager* jew ir-rappreżentant/a tagħha, tiżviluppa pjanijiet ta' ħidma li jinkludu t-tqassim ta' xogħlijiet, li jiġu stabbiliti skadenzi, kif ukoll li tissorvelja u tagħmel sommarju tal-progress tal-proġett;

ii. Tħejji rapporti tal-progress u rapporti oħra relatati mal-programm kif meħtieġ;

iii. Tmexxi l-implimentazzjoni effettiva tal-proġett u tal-ħidmiet assenjati. Il-ħidmiet jinkludu:

1. il-ġbir ta' informazzjoni sekondarja bħal mapep u informazzjoni ġeoloġika ta' qiegħ il-baħar, batimetrija, oċeanografija u minn sorsi oħra minn partijiet interessati differenti;

2. id-dħul tal-informazzjoni miġbura ġol-*GIS database* kif ukoll il-manutenzjoni tal-*Metadata Catalogue;*

3. l-analiżi tal-informazzjoni miġbura permezz tal-*GIS database* u t-twettiq ta' studju dwar it-theddida u l-pressjonijiet li jiġu minn attività umana, mill-introduzzjoni ta' speċi ġodda u mit-tniġġis fost l-oħrajn;

4. il-parteċipazzjoni f'*surveys* xjentifiċi fuq il-baħar li jistgħu jammontaw għal numru ta' ġranet konsekuttivi;

5. twettaq analiżi rigward l-għaixien tan-nies involuti u tħejji rapport fuq l-attività li jiddokumenta din l-analiżi u jipprovdi rakkomandazzjonijiet;

6. li toħloq dokument ta' gwida li jkun fih linji gwida u rakkomandazzjonijiet għall-aħjar prattika u l-prattiċi ta'

3.2 In view of the special nature of the duties involved, the appointee will also be entitled to a disturbance allowance of up to 15% of his/her salary for work performed regularly after office hours. The allowance may be increased to up to a maximum of 25% in exceptional circumstances, and on the approval of the Permanent Secretary, MSDEC.

3.3 A performance bonus of up to 10% of the officer's basic salary may be paid, subject to satisfactory performance. The actual rate will be established at the discretion of the Permanent Secretary, MSDEC.

Duties

4. The duties of Project Administrator for the Life+ Project *Benthic Habitat Research for Marine Natura 2000 Site Designation (Baħar)* in the Fisheries and Aquaculture Department include:

i. Under the direction of the Senior Fisheries Resource Manager or her representative, developing work plans including setting tasks, deadlines, and monitoring and summarizing progress of the project;

ii. Preparing progress reports and any other programme related reports as required;

iii. Managing the effective implementation of the project and tasks assigned. Tasks include:

1. collecting secondary data such as geological seabed maps/data, bathymetry, oceanographic and other sources from different stakeholders;

2. inputting the collected data into a GIS database system, maintaining a Metadata Catalogue;

3. analysing the data collected through the GIS database and performing a desktop study of threats and pressures which result inter alia from human activity, the introduction of alien species and pollution;

4. participating in scientific surveys out at sea which can span up to several consecutive days;

5. carrying out a livelihood analysis and an activity report documenting this analysis to produce recommendations;

6. creating a guidance document containing guidelines and recommendations of best practice and alternative

għaixien alternattiv, kif ukoll il-produzzjoni ta' *poster* dwar is-suġġett;

iv. Tikkoordina mas-*Senior Fisheries Resource Manager* jew ir-rappreżentant/a tagħha u mal-impjegati tas-Servizz Pubbliku magħżula biex jaħdmu fuq dan il-proġett fir-rigward tal-proċessi ta' għażla fejn meħtieġ;

v. Tikkoordina x-xogħol amministrattiv neċessarju fir-rigward tal-proġett u tkun responsabbli mill-*budget* tal-proġett;

vi. Tikkoordina l-proġett u tikkonsulta mal-partijiet involuti kollha u mal-entitajiet ikkonċernati;

vii. Tikkoordina attivitajiet promozzjonali u tipproduċi materjal ta' informazzjoni kif maħsub għal dan il-proġett;

viii. Torganizza laqgħat bħal dawk dwar l-istatus tal-proġett, laqgħat tat-*team* tal-proġett, u kif ukoll laqgħat mal-imsieħba l-oħra tal-proġett Life+ Baħar u entitajiet ikkonċernati oħra*;*

ix. Iżżomm id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa, li tinkludi d-dokumenti ta' xiri u fatturi; iddaħħal dawn id-dokumenti fid-*database,* u taġġorna l-fajls tal-proġett;

x. Tissorvelja l-ispejjeż, l-iskeda tal-iskadenzi u l-kwalità tax-xogħol li jkun qed isir, inkluż is-superviżjoni tal-istaff li jkun qed jaħdem fuq il-proġett;

xi. Tivverifika x-xogħol li jkun sar mal-fatturi ppreżentati u tawtorizza l-pagamenti;

xii. Tkun disponibbli għal-laqgħat, għall-awditjar tal-proġett u għall-verifiki fuq il-post matul il-perjodu speċifikat għall-kuntratt;

xiii. Tmexxi l-operat ta' kuljum tal-proġett Life+ Baħar*;*

xiv. Twettaq kull xogħol ieħor, li s-*Senior Fisheries Resource Manager* jew rappreżentant/a tagħha tiddelega skont il-ħtieġa;

xv. Tirrapporta u tesegwixxi l-kisbiet tal-Proġett kif mitlub mis-*Senior Fisheries Resource Manager* jew ir-rappreżentant/a tagħha u mill-partijiet ikkonċernati, inkluż bil-pubblikazzjoni ta' artikli xjentifiċi;

xvi. Twettaq dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

livelihood practices as well as producing a poster on the subject;

iv. Co-ordinating with the Senior Fisheries Resource Manager or her representative and the selected Public Officers working on this project, with regard to the selection processes where required;

v.Co-ordinating the necessary administrative work in relation to the project and responsbile for the budget of the project;

vi. Co-ordinating the project and liaise between all the stakeholders and concerned bodies;

vii. Co-ordinating promotional activities and produce information materials scheduled in this project;

viii. Organising meetings such as project status meetings, project team meetings, meeting with stakeholders as well as networking with other Life+ Baħar partners;

ix. Maintaining all the necessary documentation, including purchase documents and invoices; insert these documents into the database and the upkeep of the Project Files;

x. Monitoring the costs, time schedule and quality of the work being carried out, including the supervision of staff working on the project;

xi. Verifying work carried out against invoices submitted and authorize payments;

xii. Being available for meetings, project audits, and on-the spot checks during the specified contract period;

xiii. Managing the day-to-day operational aspects of the Life+ Baħar project;

xiv. Undertaking any other tasks, which the Senior Fisheries Resource Manager or his/her representative may delegate to him/her, as may be required;

xv. Reporting to and executing all deliverables of this Project as requested by the Senior Fisheries Resource Manager or his/her representative and other stakeholders, including with the publication of scientific articles;

xvi. Any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by the Principal Permanent Secretary.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(ċ) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) ikunu profiċjenti fl-użu ta' *Geographic Information System* (GIS);

(iv) (a) ikollhom, kwalifika *post graduate (Master's)* rikonoxxuta, f'Livell 7 tal-MQF, fil-Bijoloġija jew fix-Xjenzi tas-Sajd jew fix-Xjenzi Ambjentali jew fil-Ġeografija jew f'dixxiplina oħra relatata, jew kwalifika xierqa, rikonoxxuta u komparabbli, flimkien ma' sena (1) esperjenza ta' xogħol relevanti; jew

Eligibility requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) proficient in the use of *Geographic Information System* (GIS);

(iv) (a) in possession of a recognised post-graduate degree (Master's), at MQF Level 7, in Biology or Fisheries Sciences or Environmental Sciences or Geography or in a related area of study, or a recognised appropriate, comparable qualification, plus one (1) year relevant work experience; or

(b) ikollhom, *first degree* rikonoxxuta, f'Livell 6 tal-MQF fil-Bioloġija jew fix-Xjenzi tas-Sajd jew fix-Xjenzi Ambjentali jew fil-Ġografija jew f'dixxiplina oħra relatata, jew kwalifika xierqa, rikonoxxuta u komparabbli, flimkien ma' tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol relevanti; jew

(ċ) ikunu Uffiċjali Pubbliċi fi Skala mhux inqas minn Skala 10 u li jkollhom sitt (6) snin esperjenza ta' xogħol relevanti.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(v) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel, u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 5.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

5.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-għażla

7. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni.

(b) in possession of a recognised degree, at MQF Level 6, in Biology or Fisheries Sciences or Environmental Sciences or Geography or in a related area of study, or a recognised appropriate, comparable qualification, plus three (3) years relevant work experience; or

(c) Public Officers in a Scale not below Scale 10 with six (6) years relevant work experience.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(v) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 5.1, have proven relevant work experience.

5.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of supporting documentation

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

7. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

8. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi (Att: Fergħa tar-Riżorsi Umani) fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301 sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Awwissu, 2014. L-applikazzjonijiet jistgħu ukoll jintbagħtu permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

kundizzjonijiet applikabbli oħrajn;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tintbagħat petizzjoni dwar ir-riżultat;

eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti

jinsabu fis-sit elettroniku tad-Direttorat tar-*Resourcing*, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=371) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi (Attn: Fergħa tar-Riżorsi Umani) fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-indirizz tal-*email* tad-Direttorat riċeventi huwa (recruitment.msdec@gov.mt).

It-18 ta' Lulju, 2014

Submission of applications

8. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by the Director Corporate Services (Attn: Human Resources Branch) at the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301 by not later than noon (Central European Time) of Friday, 8th August, 2014. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date of this call for applications, as indicated above. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

other applicable conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration Human Resources Office at the address (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=371) or may be obtained from the Corporate Services Directorate (Attn: Human Resources Branch) at the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1301. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the e-mail address of the receiving Directorate is (recruitment.msdec@gov.mt).

18th July, 2014

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Applikazzjonijiet għal *Resident Academic Post* (TR4) fl-*Orthodontics*, Dipartiment tal-Kirurġija Dentali Fakultà tal-Kirurġija Dentali

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post ta' *Resident Academic* (TR4) fl-*Orthodontics* fid-Dipartiment tal-Kirurġija Dentali fi ħdan l-Fakultà tal-Kirurġija Dentali, tal-Università ta' Malta. Il-ħatra tkun fuq bażi indefinita, soġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena, sal-età statutorja tal-irtirar. Min jinħatar ikun mistenni li jibda fl-1 ta' Ottubru 2014.

Min jinħatar ikun mistenni li jiddedika erba' sessjonijiet fil-ġimgħa għat-tagħlim, riċerka, amministrazzjoni u attivitajiet oħra fid-Dipartiment tal-Kirurġija Dentali fi ħdan il-Fakultà tal-Kirurġija Dentali, u kif ikun meħtieġ mill-Università.

Il-kandidati irid ikollhom Ph.D. jew dottorat ekwivalenti bbażat fuq ir-riċerka fl-*Orthodontics* kif ukoll jiġu elenkati fil-lista ta' speċjalisti fl-*Orthodontics* miżmuma mill-korp statutorju.

Ir-*Resident Academic Stream* hija magħmula minn erba' gradi, li huma l-Professur, Professur Assoċjat, Lettur Anzjan u l-Lettur. Il-grad tal-Lettur jew ogħla tingħata lil dawk il-persuni li għandhom il-Ph.D. jew dottorat ekwivalenti bbażat fuq riċerka bi gwidi stretti stabbiliti mill-Università.

Is-salarji marbuta għal 2014 marbuta ma' dawn il-gradi fir-*Resident Academic Stream* huma kif ġej:

Professur €17,060 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €11,828 u *Professorial Allowance* ta' €924

Professur Assoċjat: €15,666 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €9,062 u *Professorial Allowance* ta' €564

Lettur Anzjan €14,190 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €6,483

Lettur: €11,669 b'żidiet annwali ta' €282 sa €12,515 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €5,333

L-Università ta' Malta tipprovdi lill-istaff akkademiku b'riżorsi finanzjarji mill-*Academic Resources Fund* biex jissapportja l-iżvilupp professjonali u biex jipprovdi l-għodda u r-riżorsi meħtieġa mill-istaff akkademiku biex jissodisfa t-tagħlim u l-impenn tar-riċerka fi ħdan l-Università.

L-Università ta' Malta tista' taħtar kandidati ppromettenti u eċċenzjonali fi grad ta' Assistent Lettur, jekk ikunu lesti li jġibu l-kwalifiki neċessarji biex jidħlu fir-*Resident Academic Stream*. Dawn il-kandidati jkunu jew ġabu riżultati eċċezzjonali fil-livell tal-*undergraduate*, jew ikollhom diġà

UNIVERSITY OF MALTA

Applications for the Resident Academic Post (TR4) in Orthodontics, Department of Dental Surgery Faculty of Dental Surgery

Applications are invited for a Resident Academic post (TR4) in Orthodontics in the Department of Dental Surgery within the Faculty of Dental Surgery of the University of Malta. The appointment will be on an indefinite basis, subject to a one-year probationary period, up to statutory retirement age. The selected candidate must take up this post by 1st October 2014.

The appointee will be required to devote four sessions per week to the teaching, research and other activities of the Department of Dental Surgery within the Faculty of Dental Surgery, and as may be required by the University.

Candidates must be in possession of a Ph.D. or a research based doctorate in Orthodontics as well as be listed on the specialist list in Orthodontics held by the appropriate statutory body.

The Resident Academic Stream is composed of four grades, being Professor, Associate Professor, Senior Lecturer and Lecturer. Entry into the grade of Lecturer or above shall only be open to persons in possession of a Ph.D. or an equivalent research based doctorate within strict guidelines established by the University.

The annual salary for 2014 attached to the respective grades in the Resident Academic Stream is as follows:

Professor: €17,060 plus an Academic Supplement of €11,828: and a Professorial Allowance of €924

Associate Professor: €15,666 plus Academic Supplement of €9,062 and a Professorial Allowance of €564

Senior Lecturer: €14,190 plus an Academic Supplement of €6,483

Lecturer: €11,669 with an annual increment of €282 to €12,515 and an Academic Supplement of €5,333

The University of Malta will provide academic staff with financial resources through the Academic Resources Fund to support continuous professional development and to provide the tools and resources required by an academic to adequately fulfil the teaching and research commitments within the University.

The University of Malta may also appoint promising and exceptional candidates into the grade of Assistant Lecturer, provided that they are committed to obtain the necessary qualifications to enter the Resident Academic Stream. Such candidates are expected to be in possession of a Masters

kwalifika fil-*Masters*, jew inkella jkunu diġà fil-pussess jew fil-proċess li jkollhom il-PhD.

Assistent Lettur bil-*Masters*: €10,890 b'żidiet annwali ta' €262 sa €11,676 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €1,891

Assistent Lettur: €10,140 b'żidiet annwali ta' €234 sa €10,842 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €1,799

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra tal-applikazzjoni b'*e-mail* lil (recruitment.hrmd@um.edu.mt), flimkien ma' kopja tal-*curriculum vitae*, kopja waħda ta' ċertifikati u ismijiet *e-mails* ta' tliet *referees*.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 1 ta' Awwissu 2014.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

It-18 ta' Lulju, 2014

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Applikazzjonijiet għall-Post *Full-Time* ta' *Resident Academic* fil-*Unit* ta' Riċerka Sismiċa u Monitoraġġ Fakultà tax-Xjenza

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post ta' *Resident Academic full-time* fil-*Unit* ta' Riċerka Sismiċa u Monitoraġġ Sismiku fid-Dipartiment tal-Fiżika, fil-Fakultà tax-Xjenza, tal-Università ta' Malta. Il-ħatra tkun fuq bażi indefinita, soġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena, sal-età statutorja tal-irtirar.

Min jinħatar ikun meħtieġ li jipparteċipa fit-tagħlim, superviżjoni tal-istudenti, riċerka, żvilupp tal-proġett u attivitajiet oħra tal-SMRU, u kif ikun meħtieġ mill-Università.

Il-kandidati jrid ikollhom Ph.D. jew dottorot ekwivalenti bbażat fuq ir-riċerka bi sfond qawwi fil-Fiżika. Il-qasam meħtieġ ta' speċjalizzazzjoni huwa *seismology*, b'enfasi fuq data analiżi tekniċi fuq terremoti, valutazzjoni ta' perikli sismiċi u ċaqliq terrestri tat-terremoti, iżda għarfien u esperjenza prattika fit-teknika tal-ġeoloġija applikata, speċjalment fejn jintużaw sorsi ta' storbju ambjentali, jiġu kkunsidrati bħala vantaġġ. Rekord fir-riċerka inkluż pubblikazzjonijiet internazzjonali riċenti, kif ukoll esperjenza akkademika fil-livell terzjarju fl-oqsma msemmija hawn

qualification, or would have been accepted for or already in the process of achieving their Ph.D., in a subject related to creativity and innovation.

Assistant Lecturer with Masters: €10,890 with an annual increment of €262 to €11,676 and an Academic Supplement of €1,891

Assistant Lecturer : €10,140 with an annual increment of €234 to €10,842 and an Academic Supplement of €1,799.

Applicants should submit their letter of application by e-mail to (recruitment.hrmd@um.edu.mt) together with a copy of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and the names and e-mails of three referees.

Applications should be received by Friday, 1st August 2014.

Late applications will not be considered.

Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Administration Building, Room 214, or from the website: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacanies).

18th July, 2014

UNIVERSITY OF MALTA

Applications for Resident Academic Full-Time Post in the Seismic Monitoring and Research Unit Faculty of Science

Applications are invited for a Resident Academic full-time post in the Seismic Monitoring and Research Unit in the Physics Department within the Faculty of Science, of the University of Malta. The appointment will be for an indefinite period, subject to a probation period of one year.

The appointee will be required to participate in teaching, student supervision, research, project development and other activities of the SMRU, and as may be required by the University.

Candidates must be in possession of a Ph.D. or equivalent research based doctorate, with a strong Physics background. The required area of specialisation is seismology, with emphasis on earthquake data analysis techniques, seismic hazard assessment and earthquake ground motion, but a strong knowledge and practical field experience of applied geophysical techniques, especially using ambient noise sources, will be considered a strong asset. A track record in research including recent international publications, as well as academic experience at tertiary level in the above fields,

fuq, flimkien ma' għarfien tajjeb tal-lingwa Ingliża, huma meħtieġa. Importanza xierqa tingħata lil kandidati li huma kapaċi li jaħdmu f'tim u parteċipazzjoni fi proġetti internazzjonali.

Ir-*Resident Academic Stream* hija magħmula minn erba' gradi, li huma l-Professur, Professur Assoċjat, Lettur Anzjan u l-Lettur. Il-grad tal-Lettur jew ogħla tingħata lil dawk il-persuni li għandhom il-Ph.D. jew dottorat ekwivalenti bbażat fuq riċerka bi gwidi stretti stabbiliti mill-Università.

Is-salarji għal 2014 marbuta ma' dawn il-gradi fir-Resident Academic Stream huma kif ġej:

Professur: €38,773 flimkien ma' Academic Supplement ta' €26,881 u Professorial Allowance ta' €2,100

Professur Assoċjat: €35,604 flimkien ma' Academic Supplement ta' €20,596 u Professorial Allowance ta' €1,282

Lettur Anzjan: €32,249 flimkien ma' Academic Supplement ta' €14,734

Lettur: €26,521 b'żidiet annwali ta' €641 sa €28,444 flimkien ma' Academic Supplement ta' €12,120

L-Università ta' Malta tipprovdi lill-istaff akkademiku b'riżorsi finanzjarji mill-*Academic Resources Fund* biex jissapportja l-iżvilupp professjonali u biex jipprovdi l-għodda u r-riżorsi meħtieġa mill-istaff akkademiku biex jissodisfa t-tagħlim u l-impenn tal-*Academic Research* fi ħdan l-Università.

L-Università ta' Malta tista' taħtar kandidati promettenti u eċċezzjonali fi grad ta' Assistent Lettur, jekk ikunu lesti li jġibu l-kwalifiki neċessarji biex jidħlu fir-*Resident Academic Stream*. Dawn il-kandidati ikunu jew ġabu riżultati eċċezzjonali fil-livell tal-*undergraduate*, jew jkollhom diġà kwalifika fil-*Masters*, jew inkella ikunu diġà fil-pussess jew fil-proċess li jkollhom il-PhD.

Assistent Lettur bil-*Masters*: €24,750 b'żidiet annwali ta' €596 sa €26,538 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €4,297

Assistent Lettur €23,046 b'żidiet annwali ta' €531 sa €24,639 flimkien ma' *Academic Supplement* ta' €4,088

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra tal-applikazzjoni b'*e-mail* (recruitment.hrmd@um.edu.mt), flimkien ma' kopja tal-*curriculum vitae*, kopja waħda ta' ċertifikati u ismijiet u *e-mails* ta' tliet *referees*.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar mil-Ġimgħa, 1 ta' Awwissu 2014.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

together with a good command of the English language, is essential. Due importance will be given to candidates with a proven record of strong team-working abilities and participation in international projects.

The Resident Academic Stream is composed of four grades, being Professor, Associate Professor, Senior Lecturer and Lecturer. Entry into the grade of Lecturer or above shall only be open to persons in possession of a Ph.D. or an equivalent research based doctorate within strict guidelines established by the University.

The annual salary for 2014 attached to the respective grades in the Resident Academic Stream is as follows:

Professor: €38,773 plus an Academic Supplement of €26,881 and a Professorial Allowance of €2,100

Associate Professor: €35,604 plus an Academic Supplement of €20,596 and a Professorial Allowance of €1,282

Senior Lecturer: €32,249 plus an Academic Supplement of €14,734

Lecturer: €26,521 with an annual increment of €641 to €28,444 and a plus an Academic Supplement of €12,120

The University of Malta will provide academic staff with financial resources through the Academic Resources Fund to support continuous professional development and to provide the tools and resources required by an academic to adequately fulfil the teaching and academic research commitments within the University.

The University of Malta may also appoint promising and exceptional candidates into the grade of Assistant Lecturer, provided that they are committed to obtain the necessary qualifications to enter the Resident Academic Stream. Such candidates will either have achieved exceptional results at undergraduate level, be already in possession of a relevant Masters qualification, or would have been accepted for or already in the process of achieving their PhD.

Assistant Lecturer with Masters: €24,750 with an annual increment of €596 to €26,538 and an Academic Supplement of €4,297

Assistant Lecturer: €23,046 with an annual increment of €531 to €24,639 and an Academic Supplement of €4,088

Applicants should submit their letter of application by e-mail to (recruitment.hrmd@um.edu.mt) together with a copy of their curriculum vitae, a scanned copy of their certificates and names and e-mails of three referees.

Applications should be received by Friday, 1st August 2014.

Late applications will not be considered.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

It-18 ta' Lulju, 2014

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Applikazzjonijiet għall-Post ta' *Principal Area Officer* (Valutazzjoni, Riċerka u Żvilupp) *Matriculation and Secondary Education Certificate Examinations Support Unit*

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post ta' *Principal Area Officer* (Valutazzjoni, ir-Riċerka u l-Iżvilupp) fil-MATSEC Support Unit tal-Università ta' Malta.

Dan huwa post full-time fl-istruttura amministrattiva tal-Università ta' Malta fl-livell ta' *Assistant Senior Executive* jew *Senior Executive* jiddependi fuq kwalifiki u esperjenza. Il-ħatra ssir fuq bażi ta' kuntratt definit għal perjodu ta' erba' snin b'perjodu ta' prova ta' tnax-il xahar.

Għat-tul tal-perjodu ta' din il-ħatra, il-persuna nominata tkun mistennija li taħdem fuq l-iskeda tal-istaff amministrattiv f'dawk il-postijiet u matul ħinijiet kif ikunu ddeterminati mill-Awtoritajiet Università.

L-applikanti jrid ikollhom l-ewwel grad, u preferibbilment *Masters* relatat mal-valutazzjoni edukattiva evalwazzjoni. Kwalifiki fl-istatistika se jiġu kkunsidrati bħala vantaġġ.

L-applikanti huma wkoll meħtieġa li jkollhom mill-inqas tliet snin esperjenza ta' tagħlim (preferibbilment fil-livell tal-Matrikola Ċertifikat SEC u/jew). Esperjenza fl-evalwazzjoni, ġestjoni u amministrazzjoni f'ambjent edukattiv, speċjalment fir-rigward tal-programmi edukattivi, sillabi u eżamijiet se jitqies bħala vantaġġ.

Il-kandidati għandhom jibgħatu l-ittra tal-applikazzjoni b'*e-mail* (recruitment.hrmd@um.edu.mt), flimkien ma' kopja tal-*curriculum vitae*, kopja waħda ta' ċertifikati u ismijiet u *e-mails* ta' tliet *referees*.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar mil-Ġimgħa, 1 ta' Awwissu 2014.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

It-18 ta' Lulju, 2014

Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Administration Building, Room 214, or from the website: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

18th July, 2014

UNIVERSITY OF MALTA

Applications for the Post of Principal Area Officer (Assessment, Research and Development) Matriculation and Secondary Education Certificate Examinations Support Unit

Applications are invited for the post of Principal Area Officer (Assessment, Research and Development) in the MATSEC Support Unit of the University of Malta.

This is a full time post in the administrative support structure of the University of Malta at Assistant Senior Executive or Senior Executive level dependent on qualifications and experience. The appointment will be made on a definite contract basis for a period of four years with a probationary period of twelve months.

For the duration of the period of this appointment, the appointee will be expected to work on the schedule of administrative staff at such places and during such hours as may be determined by the University Authorities.

Applicants must have a degree, and preferably a Masters qualification relating to educational assessment and evaluation. Qualifications in statistics will be considered an advantage.

Applicants are also required to have at least three years teaching experience (preferably at SEC and/or Matriculation Certificate level). Experience in assessment, management and administration in an educational setting, especially in relation to educational programmes, syllabi and examinations will be considered an asset.

Applicants should submit their letter of application by e-mail to (recruitment.hrmd@um.edu.mt) together with a copy of their curriculum vitae, a scanned copy of their certificates and three names and e-mails of three referees.

Applications should be received by Friday, 1st August 2014.

Late applications will not be considered.

Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Room 214, Administration Building or on the website: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

18th July, 2014

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Applikazzjonijiet għall-Post ta' *Principal Subject Area Officer* (Suġġetti Vokazzjonali)
Matriculation and Secondary Education Certificate Examinations Support Unit

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post ta' *Principal Subject Area Officer* (Suġġetti Vokazzjonali) fil-MATSEC *Support Unit* tal-Università ta' Malta.

Dan huwa post *full-time* fl-istruttura amministrattiva tal-Università ta' Malta f'livell ta' *Senior Executive*. Il-ħatra ssir fuq bażi ta' kuntratt definit għal perjodu ta' erba' snin b'perjodu ta' prova ta' tnax-il xahar.

Għat-tul tal-perjodu ta' din il-ħatra, il-persuna maħtura tkun mistennija li taħdem fuq l-iskeda tal-istaff amministrattiv f'dawk il-postijiet u matul ħinijiet kif ikunu ddeterminati mill-Awtoritajiet Università.

L-applikanti jrid ikollhom:

L-ewwel grad u kwalifika fil-*Masters* f'oqsma relevanti għall-edukazzjoni teknika/vokazzjonali u valutazzjoni;
Esperjenza ta' tagħlim ta' mhux anqas minn tliet snin, preferibbilment fil-livell taċ-Ċertifikat fil-Martikola;
Esperjenza fil-valutazzjoni.

Esperjenza fl-immaniġġar u amministrazzjoni f'ambjent edukattiv, speċjalment fir-rigward tal-programmi edukattivi, sillabi u eżamijiet jitqiesu bħala vantaġġ.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra tal-applikazzjoni b'*e-mail* fuq (recruitment.hrmd@um.edu.mt), flimkien ma' kopja tal-*curriculum vitae*, kopja waħda ta' ċertifikati u ismijiet u *e-mails* ta' tliet *referees*.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar mill-Ġimgħa, l-1 ta' Awwissu, 2014.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

It-18 ta' Lulju, 2014

UNIVERSITY OF MALTA

Applications for Post of Principal Area Officer (Vocational Subjects)
Matriculation and Secondary Education Certificate Examinations Support Unit

Applications are invited for the post of Principal Subject Area Officer (Vocational Subjects) in the MATSEC Support Unit of the University of Malta.

This is a full time post in the administrative support structure of the University of Malta at Senior Executive level. The appointment will be made on a definite contract basis for a period of four years with a probationary period of twelve months.

For the duration of the period of this appointment, the appointee will be expected to work on the schedule of administrative staff at such places and during such hours as may be determined by the University Authorities.

Applicants must have:

A first degree and a Masters qualification in areas relevant to technical/vocational education and assessment;
A minimum of 3 years teaching experience, preferably at SEC and/or Matriculation Certificate level;
Experience in assessment.

Experience in management and administration in an educational setting, especially in relation to educational programmes, syllabi and assessment is preferred.

Applicants should submit their letter of application by e-mail to (recruitment.hrmd@um.edu.mt) together with a copy of their curriculum vitae and a scanned copy of their certificates.

Applications should be received by Friday, 1st August, 2014.

Late applications will not be considered.

Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Room 214, Administration Building or on the website: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

18th July, 2014

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Applikazzjonijiet għall-*Teaching Associates* fil-Programm ta' Fondazzjoni

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għal *Teaching Assoicates* biex jgħallmu fil-Matematika, Fiżika jew Bijokimika għall-Programm ta' Fondazzjoni tal-Università ta' Malta. Il-ħatra tiġi offruta fuq bażi ta' kuntratt definit ta' sena bil-possibbiltà li tiġi mġedda u li min jinħatar jibda fl-1 ta' Ottubru 2014.

Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tikkontribwixxi primarjament għat-tagħlim u dmirijiet amministrattivi fi ħdan il-Programm ta' Fondazzjoni tal-Università ta' Malta, għal 25 siegħa fil-ġimgħa matul Semestru 1 u 2. Il-persuna nominata trid tkun disponibbli biex tgħallem bejn 8.00 a.m. u 5.00 p.m. mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

L-applikanti normalment ikunu meħtieġa li jkollhom kwalifiki fis-suġġett jew oqsma relevanti fil-PGCE u minimu ta' ħames snin esperjenza relevanti mat-tagħlim. Esperjenza ma' adulti partikolarment studenti mill-Istati tal-Golf jitqies bħala vantaġġ. Esperjenza fit-tagħlim tax-xjenza tal-kompjuter u programmar fis-C hija meħtieġa ħafna.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra tal-applikazzjoni b'*e-mail* fuq (recruitment.hrmd@um.edu.mt), flimkien ma' kopja tal-*curriculum vitae*, kopja waħda ta' ċertifikati u ismijiet u *e-mails* ta' tliet *referees*.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar mil-Ġimgħa, 1 ta' Awwissu 2014.

Applikazzjonijiet li jaslutard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

It-18 ta' Lulju, 2014

UNIVERSITY OF MALTA

Applications for Teaching Associates for the Foundation Programme

Applications are invited for Teaching Associates to lecture in Mathematics, Physics or Biochemistry for the Foundation Programme of the University of Malta. The appointment will be offered on a definite contract basis of one year with the possibility or renewal commencing on 1st October 2014.

The appointee will be required to contribute primarily to teaching and administrative duties within the Foundation Programme of the University of Malta, for 25 hours per week during Semester 1 and 2. The appointee must be available to teach between 8.00 a.m. and 5.00 p.m. from Monday to Friday.

Applicants will normally be required to have qualification in the subject or relevant area with PGCE and a minimum of five years relevant teaching experience. Experience of working with adults particularly students from the Gulf States will be considered an asset. Experience in teaching computer science and programming in C is highly desirable.

Applicants should submit their letter of application by e-mail to (recruitment.hrmd@um.edu.mt), together with a copy of their curriculum vitae, a scanned copy of their certificates and e-mails of three referees.

Applications should be received by Friday, 1st August 2014.

Late applications will not be considered.

Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Administration Building, Room 214, or from the website: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

18th July, 2014

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Applikazzjonijiet għall-Post ta' Uffiċjal Tekniku I jew II (Argotti Herbarium u l-Ġonna Botaniċi tal-Università)

L-Università trid timpjega persuna fuq bażi *full-time* għall-post ta' Uffiċjal Tekniku I jew II. It-Taqsima hija mexxija mid-Direttur li huwa responsabbli għall-iżvilupp u manutenzjoni tal-ġonna botaniċi. Il-maħtur ikun assenjat fil-grad skony l-esperjenza u kwalifiki.

UNIVERSITY OF MALTA

Applications for Post of Technical Officer I or II (Argotti Herbarium and University Botanic Gardens)

The University is seeking to recruit a full time post of Technical Officer I or II. The Section is headed by the Director who is responsible for the development and proper maintenance of the botanical gardens. The successful applicants will be assigned the grade according to their qualifications and experience.

L-applikanti jrid ikollhom mill-anqas kwalifika fid-Diploma Nazzjonali (MQF livell 4) jew ekwivalenti preferibbilment fl-ortikoltura jew bijoloġija u jkollhom tal-anqas sentejn (2) esperjenza relevanti għall-post. Il-persuna maħtura trid tkun taf tajjeb kemm pjanti indiġeni u kif ukoll eżotiċi, il-manutenzjoni tagħhom, esperjenza fl-identifikazzjoni tal-pjanti kif ukoll propagazzjoni tal-pjanti u l-manutenzjoni tal-ġnien u serra jkunu kkunsidrati bħala vantaġġ.

Il-post joffri prospetti tajbin ħafna ta' bini tal-kapaċità u l-opportunitajiet fuq ix-xogħol għal taħriġ. Il-persuna nominata hija mistennija li:

Tkun kapaċi li taħdem b'mod indipendenti u bħala membru ta' tim

Turi u tissorvelja ħaddiema fuq l-impjiegi relatati mat-tmexxija ta' kuljum tal-ġonna;

Ikollhom impenn b'mod attiv biex ikabbru l-kollezzjoni taż-żieragħ permezz ta' skambju ma' ġonna botaniċi oħra

Iżomm sistema ta' *database* ta' dak li jiddaħħal fil-ġonna;

Tkun preparata li ittejjeb il-kapaċitajiet tagħha permezz ta' taħriġ intern u estern, u kapaċi li jadattaw għall-firxa ta' impenji relatati mal-impjiegi; u

Tkun fluwenti u tikteb rapporti tajba fil-lingwa Ingliża u Maltija.

Is-salarju marbut ma' dan il-post huwa;

Tekniku Uffiċjali I: €16,844 fis-sena b'żidied ta' €375 fis-sena għal €19,094. Wara ħames ta' ħidma sodisfaċenti f'dan il-grad, il-maħtur ikun intitolat li jgħaddi għat-tarġa li jmiss fl-iskala tas-salarju b'żidiet ta' €408 fis-sena sa massimu ta' €20,395. Wara ħames snin oħra ta' ħidma sodisfaċenti f'dan il-grad il-maħtur ikun intitolat li jgħaddi għat-tarġa li jmiss fl-iskala tas-salarju b'żidiet ta' €447 fis-sena sa massimu ta' €21,829.

Tekniku Uffiċjali II: €20,455 fis-sena b'żidied ta' €487 sa' €23,367.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra tal-applikazzjoni b'*e-mail* lil (recruitment.hrmd@um.edu.mt), flimkien ma' kopja tal-*curriculum vitae*, u kopja waħda ta' ċertifikati.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 1 ta' Awwissu 2014..

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

It-18 ta' Lulju, 2014

Applicants must have as a minimum qualification a National Diploma (MQF Level 4) or equivalent preferably in horticulture, biology or related subject and have at least two (2) years relevant experience. The chosen person must demonstrate a good knowledge of both indigenous and exotic plants, their maintenance and upkeep, Experience in plant identification and plant propagation as well as garden and greenhouse maintenance is considered essential.

The post offers very good prospects of capacity building and on-the-job-training opportunities. The appointee is expected to:

Be able to work independently and as a member of a team;

Instruct and supervise workers on jobs related to the day to day running of the gardens;

Be actively involved in expanding the collection through seed exchange with other botanic gardens.

Maintain a database system on accessions in the gardens;

Be prepared to improve skills through internal and external training, and able to adapt to the variety of commitments related to the job; and

Be fluent and able to report excellently in the English and Maltese languages.

The salary attached to the respective grades is:

Technical Officer I: €16,844 rising by annual increments of €375 up to €19,094. On completion of five years service in this grade, the appointee will, on satisfactory performance, be entitled to move on to the next salary band with annual increments of €408 up to a maximum of €20,395. After a further period of two years, the appointee will on satisfactory performance be entitled to move on to the next band with annual increments of €447 up to a maximum of €21,829.

Technical Officer II: €20,455 rising by annual increments of €487 up to €23,367.

Applicants should submit their letter of application by e-mail to (recruitment.hrmd@um.edu.mt) together with a copy of their curriculum vitae and certificates.

Applications should be received by Friday, 1st August 2014.

Late applications will not be considered.

Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Room 214, Administration Building or on the website: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

18th July, 2014

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA
U S-SAĦĦA (SAĦĦA)

Post ta' *House Surgeon (Dentistry)*
fil-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa)

(Approvazzjoni skont il-capacity building
datata l-1 ta' Ġunju, 2013)

B'referenza għas-sejħa għall-Post ta' *House Surgeon (Dentistry)* fil-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa (Saħħa) ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Lulju, 2014, ngħarrfu illi Paragrafu 4.1 (iii) għandu jinqara kif ġej:

4.1 (iii) ikollhom isimhom imniżżel fil-lista tar-reġistrazzjoni proviżorja miżmuma mill-Kunsill Mediku ta' Malta skont Artiklu 12 (1) tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464);

It-18 ta' Lulju, 2014

MINISTRY FOR ENERGY
AND HEALTH (HEALTH)

Post of House Surgeon (Dentistry)
in the Ministry for Energy and Health (Health)

(Capacity building approval
dated 1st June, 2013)

With reference to the call for the Post of House Surgeon (Dentistry) in the Ministry for Energy and Health (Health) published in the Government Gazette of the 11th July, 2014, it is notified that Paragraph 4.1 (iii) should read as follows:

4.1 (iii) have their name entered in the list of provisional registration kept by the Medical Council of Malta in terms of Article 12 (1) of the Health Care Professions Act (Cap. 464);

18th July, 2014

IL-MINISTERU GĦALL-FINANZI

Riżultat tal-Intervisti għall-Postijiet
fil-Ministeru għall-Finanzi

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Finanzi jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultati tal-intervisti għall-postijiet imsemmi hawn taħt fuq in-*notice-board* prinċipali tal-Ministeru għall-Finanzi fi 30, Triq Nofsinhar, Il-Belt Valletta, u fuq in-*notice boards* tad-Dipartiment tad-Dwana, Ix-Xatt ta' Lascaris, u tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

Il-postijiet huma dawn:

Senior Systems Analyst fid-Dipartiment tad-Dwana

Economics Officer

It-18 ta' Lulju, 2014

MINISTRY FOR FINANCE

Results of Interviews for Posts within
the Ministry for Finance

The Permanent Secretary, Ministry for Finance, notifies that the results of the interviews for the undermentioned posts may be viewed on the main notice-board at the Ministry for Finance, 30, Triq Nofsinhar, Valletta, and on the notice-boards of the Customs Department, Lascaris Wharf, and the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The posts are the following:

Senior Systems Analyst at the Customs Department

Economics Officer

18th July, 2014

MALTA ENTERPRISE CORPORATION

Il-Bord tad-Diretturi tal-Malta Enterprise Corporation fil-laqgħa tiegħu tal-1 ta' Lulju 2014, għadda riżoluzzjoni sabiex ir-rappreżentanza tal-Korporazzjoni, minbarra li tkun vestita fiċ-*Chairman* u Deputat *Chairman* kif stipulat fl-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta (Kap. 463), tkun vestita wkoll fiċ-*Chief Officer Finance*.

Din ir-riżoluzzjoni qiegħda tiġi ppubblikata skont l-Artikolu 15 (1) tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta (Kap. 463).

It-18 ta' Lulju, 2014

MALTA ENTERPRISE CORPORATION

The Board of Directors of Malta Enterprise Corporation at its' meeting of the 1st July 2014, has resolved that the legal representation of the Corporation, besides being vested in the Chairman and the Deputy Chairman as provided in the Malta Enterprise Act (Cap. 463), be also vested in the Chief Officer Finance.

This resolution is being published in terms of Article 15 (1) of the Malta Enterprise Act (Cap. 463).

18th July, 2014

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi se ssir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar.

J. CHURCH
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Triq il-Merkanti,
Il-Belt Valletta.

It-18 ta' Lulju, 2014

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Ħaż-Żabbar.

J. CHURCH
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
Merchants Street,
Il-Belt Valletta.

18th July, 2014

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma se jkunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, nhar it-Tnejn, il-21, it-Tlieta, it-22 u l-Erbgħa, it-23 ta' Lulju, 2014 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar.

J. CHURCH
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Triq il-Merkanti,
Il-Belt Valletta.

It-18 ta' Lulju, 2014

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

Notice

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Evans Building, Merchants Street, Il-Belt Valletta, on Monday, 21st, Tuesday, 22nd and Wednesday, 23rd July, 2014 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of a Councillor for the Local Council of Ħaż-Żabbar.

J. CHURCH
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
Merchants Street,
Il-Belt Valletta.

18th July, 2014

L-AWTORITÀ MALTIJA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR

Konċentrazzjoni Legali

Fl-24 ta' Ġunju, 2014 l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni fi ħdan l-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur iddikjarat l-operazzjoni proposta tal-akkwist mingħand Millennium Insurance Agency Limited (aktar 'l isfel imsejjaħ venditur) ta' sehem min-negozju pertinenti għad-drittijiet u t-titolu tal-akkordju ta' aġent tal-venditur u n-natura vinkulanti tal-imsemmi akkordju konċernanti wħud mill-aġenziji, il-poloz tal-istess bejjiegħ u l-klijentela tal-istess venditur minn Fogg Insurance Agencies Limited bħala konċentrazzjoni legali skont ir-regolamenti 6 (1) (ii) u 12 (4) tar-Regolamenti tal-Kontroll ta' Konċentrazzjoni 2002.

Fogg Insurance Agencies Limited hija involuta fis-suq tal-assikurazzjoni non-life kif irrappurtat mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji, u hija awtorizza illi toħroġ poloz ta' assikurazzjoni f'Malta bħala aġent jew *coverholder* f'dawn il-kategoriji ta' assikurazzjoni hekk kif ġej: (a) Aċċident; (b) Vetturi bil-mutur; (c) Marittimu u Trasport; d) Nar u Ħsara oħra lil Propjetà; u (e) Responsabbiltà. Millennium Insurance Agency Limited hija intermedjarja tal-assikurazzjoni liċenzjata involuta fis-suq tal-assikurazzjoni non-life kif irrappurtat mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji, u hija awtorizzata biex toħroġ poloz f'Malta f'dawn il-kategoriji ta' assikurazzjoni hekk kif ġej: (a) Aċċident u Mard; (b) Marittimu u Trasport; (c) Nar u ħsara oħra lil Proprjetà; (d) Responsabbiltà; u (e) Telf Finanzjarji Mixxellanju.

Is-settur ekonomiku involut fit-tranżazzjoni huwa dak primarjament marbut mal-assikurazzjoni non-life. Wara li eżamina n-notifika skont regolament 6 (1) (ii), l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni kkonkluda li l-operazzjoni notifikata taqa' fl-ambitu tar-Regolamenti tal-Kontroll ta' Konċentrazzjoni u tar-Regolament 12 (1) (iii) tal-istess Regolamenti dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolamenti tal-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet.

Għar-raġunijiet stabbiliti fir-Regolamenti dwar proċedura simplifikata, id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni ddeċidiet li ma topponiex l-operazzjoni notifikata, u li tiddikjaraha konċentrazzjoni legali.

Kopja mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni hija aċċessibbli fuq: (http://www.mccaa.org.mt/en/mergerdecisions).

It-18 ta' Lulju, 2014

MALTA COMPETITION AND CONSUMERS AFFAIRS AUTHORITY

Lawful Concentration

On 24th June, 2014 the Office for Competition within the Malta Competition and Consumer Affairs Authority declared the proposed transaction of the acquisition from Millennium Insurance Agency Limited (hereinafter referred to as the seller) part of the business pertaining to the rights and title to the seller's agency agreement and binding authority agreement with certain agencies, its agency policies, its policies and its customers by Fogg Insurance Agencies Limited to be a lawful concentration in accordance with regulations 6 (1) (ii) and 12 (4) of the Control of Concentrations Regulations 2002.

Fogg Insurance Agencies Limited is primarily involved in the non-life insurance market as reported to Malta Financial Services Authority, and is authorised to issue polices in Malta as agent or coverholder in the following classes of business: (a) Accident; (b) Motor; (c) Marine and Transport; (d) Fire and other Damage to Property; and (e) Liability. Millennium Insurance Agency Limited is a licensed insurance intermediary primary involved in the non-life insurance market as reported by the Malta Financial Services Authority, and is authorised to issue policies in Malta in the following classes of business: (a) Accident and Sickness; (b) Marine and Transport; (c) Fire and Other Damage to Property; (d) Liability; and (e) Miscellaneous Financial Loss.

The economic sector involved is primarily the non-life insurance sector. After examination of the notification in terms of regulation 6 (1) (ii), the Office for Competition has concluded that the notified operation falls within the scope of the Control of Concentration Regulations and of regulation 12 (1) (iii) of same Regulations on a simplified procedure for treatment of certain concentrations under the Control of Concentrations Regulations.

For the reasons set out in the Regulations on a simplified procedure, the Director General of the Office for Competition has decided not to oppose the notified operation, and to declare it a lawful concentration.

A non-confidential version of this decision is available on: (http://www.mccaa.org.mt/en/mergerdecisions).

18th July, 2014

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, INVESTIMENT U INTRAPRIŻI ŻGĦAR

Lista ta' offerti dipartimentali u *direct orders* mogħtija flimkien mal-varjazzjonijiet li saru minn dan il-Ministeru matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2014 u t-30 ta' Ġunju, 2014, ippubblikata skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolamenti tal-Kuntratti Pubbliċi tal-2010.

MINISTRY FOR THE ECONOMY, INVESTMENT AND SMALL BUSINESS

List of departmental tenders and direct orders awarded together with the variations incurred by this Ministry during the period between 1st January, 2014 and 30th June, 2014, published in terms of Article 20(2) of the Public Contracts Regulations 2010.

Quotation/Kwotazzjoni

Cleaning services at the Ministry for the Economy, Investment and Small Business	€12,000.00

***Direct Orders*/Direct Orders**

Nationwide service on family business	€15,640.00
Conference hosting and related services	€2,552.50

***Varjazzjoni*/Variation**

Provision of Medical Practioners to call on sick employees	€210.00

It-18 ta' Lulju, 2014

18th July, 2014

KUNSILL LOKALI ĦAL-GĦARGĦUR

Sospensjoni tat-Traffiku

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf illi fi Triq Karmnu Zarb se jsiru xi xogħlijiet privati nhar it-Tlieta, it-22 ta' Lulju, 2014 bejn is-7.00 a.m. u nofsinhar u għalhekk it-triq se tkun magħluqa għat-traffiku.

It-18 ta' Lulju, 2014

ĦAL-GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic

The Ħal Għargħur Local Council notifies that private works are going to be held in Triq Karmnu Zarb on Tuesday, 22nd July, 2014 between 7.00 a.m. and noon and therefore the road is going to be closed for traffic.

18th July, 2014

KUNSILL LOKALI TA' SANNAT

Sospensjoni tat-Traffiku

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat jgħarraf li nhar il-Ħadd, 27 ta' Lulju, 2014 bejn is-1.00 p.m. u s-7.00 p.m. parti minn Triq it-Tabib Anton Tabone u Triq Ta' Sannat se jkunu magħluqin għat-traffiku.

It-18 ta' Lulju, 2014

TA' SANNAT LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic

The Sannat Local Council notifies that on Sunday, 27th July, 2014 between 1.00 p.m. and 7.00 p.m. part of Triq it-Tabib Anton Tabone and Triq Sannat will be closed for traffic.

18th July, 2014

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf li offerti elettroniċi rigward dawn l-avviżi se jintlaqgħu sal-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintbagħtu *online* BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tal-ĦAMIS, it-28 ta' Awwissu, 2014, għal:

L-Avviżi hawn taħt huma parzjalment iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew dwar l-Iżvilupp Reġjonali/ il-Fond ta' Koeżjoni/il-Fond Soċjali Ewropew

